MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Numru. 19/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**Giovanni Maria Apap**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Giovanni Maria Apap bin Michele u Rose Anna nee` Pace li joqghod fil-fond 60, Triq San Gwann Battista , Xewkija, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 18831G) akkuzat talli f'Ghawdex b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, qabel is-26 ta' Marzu 1996 u d-29 ta' Novembru 2002 bhala proprjetarju tal-fond 60, Triq San Gwann Battista, Xewkija, Ghawdex u bhala persuna li fuqha huwa rregistrat il-meter tal-kurrent elettriku li hemm

fl-imsemmi post, b'mezzi qarrieqa u li bihom seta` jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq jammonta ghal mitejn u tmienja u sebghin liri Maltin u wiehed u tletin  centezmi (Lm278.31c), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur.

Il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif adebitata fil-konfront tieghu;

Qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz b'mod partikolari l-eta` anzjana ta' l-istess imputat, il-kollaborazzjoni totali ta' l-imputat tul din l-investigazzzjoni kollha, l-ammissjoni bikrija tieghu fl-ewwel opportunita` moghtija lilu kif ukoll il-Fedina Penali ta' l-imputat li hija wahda ndelibbli u cioe` b'rejat biss kommess fis-sena 1943.

Il-Qorti;

Semghet ukoll rapprezentant tal-Korporazzjoni EneMalta fejn mix-xhieda tieghu jirrizulta li l-imputat m'ghandu l-ebda pendenza mall-Korporazzjoni llum il-gurnata;

Ghaldaqsant f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti thoss illi ghandha tapplika Probation skond il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu tal-Ligi partikolarment l-artikolu 264 (2) tal-Ligijiet ta' Malta tiddeciedi wara li ssib lill-imputat hati tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor ghall-perjodu ta' sena mil-lum ai termini ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tapplika l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti rat illi l-ispejjez inkorsi fl-

inkjesta gew attribwiti qabel ma fil-fatt saret kompilazzjoni u ghaldaqstant tichad tali talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------